# Qronfla u Sardnella

(ĦRAFA)

Darba waħda fi ġnien kbir u sabiħ Qronfla inżertat miżrugħa ħdejn Sardnella, xiħa ta' bosta snin. Il-Qronfla kibret, tellgħat il-blanzuni u nfetħet f'ward minn l-isbaħ.

Hekk kif dina lemħet lis-sardnella ħdejha, hija wkoll mimlija bil-ward, ħasset għafsa ġo qalbha, u xtaqet tagħlibha; għalhekk daret lejha u qaltilha :—

—Dan għala ġejt ħdejja? Jaqaw biex bil-fwieħa li qegħda toħroġ minn ġo fija titaxxaq; jew biex in-nies meta jgħaddu minn hawn u jxommuha jaħsbu li ġejja minnek u ifaħħruk ?"

Is-Sardnella għall-ewwel ħassitha ġewwa u bkiet bil-moħbi; iżda wara ftit weġbitha :—

"Jiena ili hawnhekk bosta snin dejjem mimlija bil-ward, insebbaħ dan il-ġnien, bil-ġmiel tal-lwien tiegħi, fl-esħen tas-sajf u fl-eqqel tax-xitwa. Inti ġejt ħdejja u mhux jien ġejt ħdejk. Iżda kif nista' nara jien naf il-għala ġejt ħdejja: biex tinħeba qalb il-mijiet ta' ward u weraq tiegħi u hekk l-ebda bniedem ma jinduna bik u jiġi jaqtak u joqtlok."

Kif is-Sardnella qalet dawn il-kelmiet, għadda minn dik in-naħa tal-ġnien, raġel; xamm riħa ta' qronfol, ħares, fittex, raha x-xitla kburija fl-aqwa tagħha u qatgħalha il-ward kollu.

L-imsejkna qronfla bkiet bil-għali u bl-uġigħ!

Il-fwieħa li ftaħret bija kienet il-ħtija ta' mewtha.

JOHN FORMOSA